MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-13 ta' Frar, 2012

Avviz Numru. 47/2008

**Peter Busuttil (I.D. 488064M)**

**Vs**

**Miriam Dalli (ID No 261876M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li:

1) prevja li din l-Onorabbli Qorti tiddikjara u tiddeciedi li l-kontenut ta' bulletin ta' l-ahbarijiet imxandar nhar il-11 ta' Frar, 2008 fuq l-istazzjon televiziv 'One TV' – li tieghu il-konvenut l-editur – huwa libelluz u jikkostitwixxi malafama fil-konfront ta' l-attur li l-ghan taghha huwa li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni ta' l-istess attur;
2) il-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti f'ammont li ma jeccedix il-hames telef liri Maltin (Lm5,000) a tenur ta' l-

artikolu 28 ta' l-Att Dwar l-Istampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol 17 tal-istess atti) u li biha eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fil-ligi.
2. Illi f'kull kaz l-pubblikazzjoni imsemmija mill-attur mhijiex libelluza fil-konfront tieghu.
3. Illi inoltre il-fatti indikati mill-attur jikkonsistu f'rapurtagg gurnalistiku dwar materja ta' interess pubbliku attwali accettabli f'socjeta' demokratika, kemm taht il-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem, kif ukoll that il-ligijiet ta' l-istampa. Jekk l-attur deherlu li gew pubblikati jew ixxandru inezattezzi li jolqtu lilu jew li gie misinterpretat,huwa kellu r-rimedju effettiv tar-rettifika taht l-istess Att dwar l-Istampa minghajr ma jitlob lill-Qorti tirrestringi l-liberta' ta' l-istampa.
4. Illi inoltre subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fejn tikkontjeni kummenti jew opinjonijiet, il-pubblikazzjoni in kwistjoni tikkonsisti f'espressjoni ta' l-opinjoni u apprezzament, jew *value judgement*, tal-awtur u hija *fair comment* maghmul in buona fede dwar persunagg pubbliku, fuq materja ta' l-Istampa kemm taht il-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet u l-Libertajiet Fondamentali tal-Bniedem.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> spjega (fol 22 u fol 43 et seq ibid) illi fil-11 ta' Frar 2008 fuq il-bullettin tal-ahbarijiet imxandar mill-istazzjoni involut kien gie trasmess servizz u gie allegat fih li hu kien inghata b'mod abbusiv, is-somma ta' €20,000 mill-hekk imsejjha 'Good Causes Fund'. B'mod specjali u fi kliemu stess "Jiena kont oggezzjonat ghall-kliem 'ghotja

abbusiva ghal xoghol ta' reklamar ghall-attivita kummercjali". Inoltre hu kompla jghid li "… din l-attivita giet organizzata fid-distrett ta' Tonio Fenech minn 'club' tal-'football' u "… ghall-alleanza tieghi mal-Partit Nazzjonalista u illi jiena kont niehu shieb l-organizzazzjoni ta' attivitajiet ta' l-hekk imsejjha taht it-tinda". Fil-fatt a fol 44 jinsab esebit 'D.V.D.' tan-notizzjarju kollu, inkluz is-servizz in esami, waqt li a fol 45 tinsab <u>traskrizzjoni</u> tal-istess servizz involut f'dan il-kaz.

F'dan id-dokument jinghad li, fl-istess servizz il-Fund imsemmi kien hallas €20,000 lill-entita kummercjali bl-isem ta' 'Red Ads' kumpanija tal-attur li snin qabel kien involut fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet tal-Partit Nazzjonalista waqt kampanja elettorali. Aktar l-isfel jissemma li dan hu "… kaz iehor ta' ghotja abbusiva mill-Fond ghal kawzi gusti". Skond l-istess servizz, "L-ghotja ta' eluf ta' Euro nghatat, lill-Busuttil biex jaghmel xoghol ta' reklamar ghal attivita kummercjali u ghal xoghol ta' promozzjoni relatat" u "l-attivita kienet organizzata minn Klabb tal-Futbol li jinsab fid-distrett ta' Tonio Fenech". L-attur kompla jghid illi kien minnu illi l-Fond kien ghamel ghotja ta' flus lill-imsemmija kumpanija li taghha kien direttur u azzjonista u "… li bhala VAT Number taqa' taht l-isem ta' Red Ads Company Limited" (ara fol 59 ibid). Inoltre "Jiena nimmagina li dan is-servizz filfatt kellu jirreferi ghal attivita ta' natura kulturali u r-rikavat minn din l-attivita kulturali kellhom imorru, kif filfatt marru ghand zewg ghaqdiet filantropici cioe r-Razzett tal-Hbieberija u l-Fondazzjoni Puttinu Cares'. Pero hu sahaq ukoll illi kien qed "nassumi illi dak is-servizz filfatt seta jirreferi ghal loghba 'football' organizzata bejn il-Milan u B'Kara li maghha jien ma kelli x'naqsam xejn, hlief li volontarjament … prezentajt il-loghba". Dwar l-attivita kulturali kien sar rappurtagg estensiv u reklamar dwarha f'diversi gazzetti, fosthom dawk imsemmijin minnu (ara fol 27 et seq ibid) fejn giet enfazzizzata in-natura kulturali u filantropika tal-istess attivita, li kienet il-presentazzjoni tad-'dramm' "Waiting for Godot" tad-drammatorju Samuel Beckett. Inoltre hu rrefera ghal ittra li permezz taghha kien talab il-permess tad-Dipartiment tal-V.A.T. sabiex "… nuza n-numru tal-V.A.T. tas-socjeta li semmejt ghal dak l-iskop".

(ara l-biljett esebit a fol 27 ibid fejn hemm imnizzel in-numru ghall-iskop ta’ Taxxa fuq il-Valur mizjud”. L-attur gie riprodott in kontro ezami,(fol 67 u fol 71 et seq ibid) u beda billi qal li kien minnu li hu ppartecipa f’attivitajiet politici li fihom kien ghamel domandi lill-Kap tal-partit Nazzjonalista u dan taht kondizzjonijiet kif imsemmija fl-istess xhieda u dan fil-vesti tieghu ta’ ‘personalita televisiva’ u filfatt kien ghamel l-istess in rigward diversi persuni u mhux biss politici oltre li “… ppartecipajt f’attivitajiet taz-zewg partiti …”. Dwar l-attivita kulturali msemmija, din ma rrisultatx f’xi qliegh. Dwar ir-rikavat pero, kien minnu li dan kien inghata lis-socjeta kummercjali msemmija izda ghall-iskop li di gja ssemma in konnessjoni ma numru li jinvolvi it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud cjoe “on paper”. Sussegwentement, l-istess rikavat kien inghata f’forma ta’ donazzjoni lis-socjetajiet filantropici gja msemmiija. Difatti “Meta fil-fatt sar il-‘Profit and loss (accounts)’ tal-flus li ddahhlu minn din l-attivita instab li kien hemm zbilanc (ossija telf) kontra taghna pero xorta wahda hrigna lill-organizzazzjonijiet involuti is-somma ta’ sitt mitt lira kull wiehed wara korrett ghal Lm1000 (ara fol 72 ibid) “waqt li l-biljetti kienu inbieghu mill-organizzazzjonijiet filantropici stess …”. Inoltre kien minnu li hu kien thallas bhala wiehed mill-atturi u produtturi li hadu sehem u dan “…. Kif stabbilit mill-‘union’ tal-atturi fl-Italja” ossija Lm1500 (ara fol 71 ibid). Difatti jinsabu esebiti dokumenti li juru li jindikaw l-‘audited accounts’ involuti (fol 74 et seq ibid). Minn dak a fol 74 u fol 75 ibid, jidher li kien minnu li, l-attivita in esami irrisultat f’telf wara li gew dedotti l-ispejjes li fihom hemm inkluzi zewg donazzjonijiet ta’ Lm500 kull wahda liz-zewg istituzzjonijiet filantropici msemmija.

Illi l-attur annetta ukoll ‘affidavit’ ta’ John Borg (fol 26 ibid) u dan bhala vici-president tal-Birkirkara F.C u dan specifika li l-attur ma kellu ebda rwol fl-organizzazzjoni tal-partita msemmija hlief li kien il-‘compere‘ waqt l-istess loghba u dan minghajr hlas u “totalment bhala pjacir lill-Klabb”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (fol 54 u fol 63 et seq ibid) stqarret li r-rappurtagg in esami kien il-konsegwenza ta' domanda u risposta parlamentari (fol 56 u fol 57 ibid) u, f'din, kien inghad illi ghaqdiet u assocjazzjonijiet li bbenefikaw minn ghajnuna mill-Fond ghall-Kawzi Gusti matul l-2006 kienu diversi fosthom "Red Ads" li hadet Lm8,850 ossija madwar €20,000. Din tal-ahhar hi socjeta kummercjali bl-attur wiehed mis-sidien. Inoltre, l-konvenuta sostniet li l-istess socjeta nghatat dawn il-flus sabiex tippromovi attivita "… minn club ta' 'football' hawn Malta". Inoltre hi sostniet illi kienu hadu kummenti minghand l-attur izda hu qatt ma kien semma "… ghal liema attivita kienu intizi dawn il-flus …" peress li, meta mistoqsi dwar dan, hu "…ma riedx jirrispondi". In kontroezami hi qalet li meta l-gurnalist inovlut kien ghamel indagni fuq dan il-kaz, kienet issemmiet il-loghba indikata "… minn sors li stajna nafdaw" u meta sar kuntatt mal-attur, dan qal li xtaq jikkonsulta ruhu mal-Avukat tieghu. Pero hawnhekk hi stqarret li kienet intalbet ir-reazzjoni tal-attur "… wara x-xandira" u dan kien qal ukoll li "… L-flus inghataw ghall-attivita kulturali". Ghalhekk sar tentattiv sabiex "… naghmlu korrezzjoni…." Izda l-attur ma ridx jghid fejn kienet l-iskorrettezza.

Ikkunsidrat

Illi mill-provi kif prodotti u riassunti jidher li:-

a) Ma hemm ebda dubbju li l-attur, permezz tas-socjeta' indikata kien ircieva il-flus mill-Fond imsemmi intiz sabiex jigu promossi attivitajiet kulturali u filantropici, ta' natura strettament mhux kummercjali fejn jkun hemm l-intenzjoni ta' profit.

b) Dan, pero, jidher ukoll li kien sar sabiex l-attur, sempliciment, juza n-numri ta' registrazzjoni tal-istess socjeta' mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

c) Hu minnu ukoll li l-attur kien partecipi f'attivitajiet organizzati mill-Partit Nazzjonalista izda jidher ukoll li, kif xehdet il-konvenuta kien ukoll hadem program fuq l-istazzjon 'Super One Television' kif xehdet l-istess konvenuta.

d) In rigward ir-rapurtagg in esami dan izda mar oltre. Filfatt, jinghad fih li l-flus inghataw lill-attur sabiex jaghmel xoghol ta’ reklamar ghal attivita kummercjali u ghal xoghol ta’ promozzjoni relatat u “L-attivita kienet organizzata minn Klabb tal-Futbol li jinsab fid-distrett ta’ Tonio Fenech”. Dan kollu, filfatt irrisulta li kien falz u bl-ebda mod ma jista’ jigi konsiderat bhala fatt pruvat. Anzi gie pruvat li l-flus kienu intizi sabiex jintuzaw kif filfatt sar sabiex tittella attivita kulturali konsistenti fid-dramm hawn fuq imsemmi. Din l-attivita’ ma irrisultatx b’xi qliegh anzi spiccat b’telf. Xorta wahda, pero’, inghataw flus, kif hawn fuq spjegat liz-zewg entitajiet imsemmija li hma ta’ natura filantropika.
e) Fil-fehma tal-Qorti u kif jidher mill-fatti, dan ir-rappurtagg kien intiz sabiex jimmalafama lill-attur. Inoltre ghandu jigi notata li ma saret l-ebda indagni ulterjuri u investigazzjoni kif suppost vis-à-vis l-allegazzjoni in esami qabel ma gie trasmess ir-rapport in kwistjoni.
f) Ta’ min izid, ukoll, li minhabba dak di gja premess rappurtagg bhal dan, ma jistax jkun li jigi konsiderat bhala lecitu f’socjeta’ demokratika taht il-kappa ta’ ‘value judgement’ u ‘fair comment’ ghar-ragunijiet ovvji.

Ikkunsidrat

Illi, ghalhekk, l-istess rapport ghandu jigi konsiderat bhala libelluz u malfamanti vis-à-vis l-attur u kien intiz sabiex jimpingi fuq ir-reputazzjoni tal-istess attur.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-‘quantum’ ta’ danni morali, dawn qed jigu ffissati ‘arbitrio boni viri’ u fil-paramentri tal-ligi, fis-somma ta’ €500.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u:

a) Tiddikjara il-kontenut tar-rappurtagg specifikat fir-rikors promotur bhala libelluz u malfamanti fil-konfront tal-attur u li l-ghan tieghu kien li jtellef jew jnaqqas ir-reputazzjoni tal-istess attur.
b) Tillikwida l-ammont ta’ danni fis-somma ta’ €500.

c) Tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' €500 bl-imghax legali millum stess sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------